# MITT SENA ILU!

*L-anqas irrid nemmen li għaddew mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li kien waqqaf il-bniedem qaddis, Monsinjur De Piro fl-1910!*



*Kelinu Vella Haber*

Jien twelidt fl-1913, jiġifieri llum ngħodd 97 sena u meta kelli 14-il sena kont dħalt fis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Domt fis-Soċjetà seba' snin sħaħ, jiġifieri erba' snin fl-edukant ta' Santa Marija, fl-Oratorju f'Birkirkara, u tliet snin ir-Rabat f Sant'Agata, sena novizzjat u sentejn fil-kors tal-Filosofija li għamilnieh fil-Kulleġġ ta' San Mark għand l-Agostinjani fir-Rabat. Ħriġt fl-1934 meta s-Soċjetà kienet għadha fit-tfulija tagħha. Niftakar li għamilt xi żmien nieħu ħsieb it-tfal f'San Ġużepp, Santa Venera.

Meta kont fl-Edukant ta' Birkirkara kellna bħala Superjur lil Dun Mikiel Callus, raġel serju ħafna u tal-affari tiegħu. Konna diversi studenti. Għall-istudju konna nattendu l-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Għadni niftakar xi ismijiet tal-professuri; bħal Dun Franġisk u Dun Anġ Camilleri it-tnejn mill-Qala, Fr.Gillow għall-Ingliz, Fr. Ragazzi għall-Latin u Fr. Ciaceri għat-Taljan. Il-Mons. De Piro kien jiġi kull tant, jagħmel xi ġurnata jew tnejn magħna. Għadni niftakar xi talb bil-latin li kien jgħallimna, bħad-De Profundis, il-Miserere u talbiet oħrajn.

Minn dak iż-żmien niftakar lil Dun Ġużepp Spiteri, imsejjaħ tas-Sabieħa, lil Dun Mikiel Callus, lil Dun Alwiġ, lil Dun Wistin, lil Dun Ġorġ Xerri illi wara qatluh fil-missjoni tal-Awstralja, u lil Fra Kalċidon, Fra Feliċ, Fra Konsolatu u oħrajn li bħalissa nsejt x'kien jisimhom.

Fost l-affarijiet li żgur ma ninsa qatt hemm il-Pranzu Kbir, jew aħjar il-Qirew, kif kienu jsejħulu fl-antik, li Monsinjur De Piro kien organizza f Sant Agata għall-ħaddiema li kienu bnew Sant' Agata. Trid tara lill-Fundatur iġorr il-platti, mill-kċina għal ġol-kuridur fejn kien hemm il-mistednin!

Ta' min jgħid li mhux il-pranzu biss, imma l-għejxien ta' kulħadd kien gej minn but il-Monsinjur De Piro. Ma' dawn trid iżżid il-ħtiġiet ta' kulljum u kien saħansitra jlibbishom ukoll! Dan kollu juri li Monsinjur De Piro bata ħafna mhux biss biex waqqaf is-Soċjetà imma wkoll biex żammha wieqfa u biex imexxiha 'l quddiem. Lil dan il-bniedem qaddis jien iddedikajtlu tliet poeziji. Fosthom "Fuq il-Qabar ta' Mons. De Piro".

Ħaġa li jiena żgur qatt ma ninsa kienet ġrat fl-1928 meta jien kont student fl-ewwel sena tas-Seminarju t' Għawdex. Kont qed immut wara li ordnawli l-Aħħar Sagramenti. Dakinhar il-Mons. kien resaq ħdejja, qagħad għarrkubbtejh u talab għalija. Jien dlonk bdejt ġej 'il quddiem u mhux talli ma mietx dakinhar talli għadni ħaj sal-lum, bl-għomor ta' 97 sena. Din il-ħaġa jien fissirtha fit-tul waqt il-kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Mons. De Piro! J' Alla s-Soċjetà M.S.S.P. tkompli tiffjorixxi mhux biss f'pajjiżna imma wkoll fid-dinja kollha tal-missjoni!



Dun Ġużepp Spiteri



Waqt il-pranzu li sar għall-ħaddiema



# Iċ-Ċelebrazzjonijiet tal-100 sena fl-Oratorju tagħna f'B'Kara









1. Il-festi bdew bit-tfal, il-ġenituri u l-katekisti imdawrin mal-istatwa tal-Madonna fil-*ground* jgħidu ir-rużarju

2. Waqt il-*Launching* ta' ktieb "L-Oratorju u lil hinn minnu". Fix-xellug l-awtur, is-sur Philip Xuereb. Fr. Bernard Mangion Sup. Ġen. tal-MSSP jippreżenta l-ktieb lis-Sindku ta' Birkirkara s-Sur Michael Fenech Adami.

3. Parti mill-wirja li saret għall-okkażżjoni. Fiha kien hemm: żgħażagħ illum, sports, brigade knisja u festa, duttrina, Mons. De Piro, media matul iż-żmien, kamra tal-edukandat u bidu tal-Oratorju

4. Il-merħba sabiħa li saret lill-Arċisqof Pawlu Cremona mal-wasla tiegħu biex jiċċelebra l-quddiesa fl-għeluq tal-100 sena mit-twaqqif tal-Oratorju.





5. L-Arċisqof jikxef u jbierek l-irħama li tfakkar il-100 sena mit-twaqqif tal-Oratorju.

6. Waqt il-messaġġi tal-mistiedna speċjali li saru fis-Sala Mons. Depiro wara l-quddiesa.

Mix-xellug għal-lemin: Fr. Paul Formoza (l-Provincial tas-Sależjani), għan- nomm tas-Salezjani li ħadu ħsieb l-Oratorju fil-bidu tiegħu; Mons. Arcisqof Pawlu Cremona; Fr. Bernard Mangion Sup. Ġen. u Fr. Louis Mallia Sup Reġ. tal-MSSP; Bro Emanuel Sciberras tad-De La Salle Brothers, għan-nomm tal-Freres li mexxew l-Oratorju (1912-1916); Il-Propostu ta' Birkirkara, il-Kan. Dun Anton Cassar, għan-nom tal-Kapitlu Elenjan, peress li l-Fundatur tal-Oratorju Dun Mikiel Sammut kien membru tal-Kapitlu.

Kellek ħsieb li tmur **Lourdes** jew il-**Polonja** biex iżżur is-Santwarju tall-Ħniena Divina?

*Jew taf lil xi ħadd li jixtieq imur?*

**Lourdes**: mit 2 sas - 7 ta' Awwissu 2010
**Polonja:** f'Nofs Lulju

Ejja magħna u tkun tgħin lis-Soċjetà tagħna fix-xogħolijiet tagħha f'Malta u fil-Missjonijiet. Ċempel: 2144 1917/7926 5968







MSSP100
# Aħna lilkom
HOLQA BEJN IL-HBIEB
Mejju 2010 / Għadd 448 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP



## Ir-Rigal tal-Għid

*Marthese Brincat*

*Ghal sena ohra, matul dan ir-randan, ic-Centru Animazzjoni Missjunarja rega' talab l-ghajnuna tal-publiku Malti biex jghin kemm f'ikel jew jaghtu flus biex jintbaghtu hampers l-Peru ghan nies fqar.*

Din l-attivita il-poplu Malti sar jistenniha ghax bi hgarhom jippartecipaw u mill l-ewwel ghajta tarahom gejjin bl-ikel fil-basktijiet jew fil-kaxxi li ahna ntuhom minn qabel. Tant jikkontribwixxu li mhux talli nimlew il-container bil-hampers, talli jibqa' l-flus u dawn nibghatuhom fil-missjoni tal-Filippini biex hemmhekk ukoll jinxtara ikel biex jinghataw lit-tfal biex il-missjunarji jhegguhom imorru jitghallmu l-iskola.

Dawn il-'hampers' ikunu qed jistennewhom mhux biss il-Maltin, imma anke l-Peruvjani u ghallkemm forsi din il-kaxxar ma sservihomx ghal tul ta' zmien, japprezzaw hafna kull ma jintbaghad ghax jifhmhu li l-Maltin jiftakru fihom u jhobbuhom.

Biex jintela' container ta' 20 pied, jitqieghdu ma' l-4000 kaxxa, dan isir fil-gimghat ta' qabel l-Ghid, imma din is-Sena wkoll, diversi lajci fi hdan l-entitajiet MSSP gew god-Dar ta' San Guzepp Santa Venera, fejn qattghu nofs ta' nhar tal- Hadd jippakkjaw u jimlew il-container li kellna biswit din id-Dar. Kienet ukoll esperjenza sabiha mhux biss ghax tara u tmiss b'idejk l-generosita kontinwa tal-Maltin, imma wkoll ghax tqarreb lil Lajci lejn xulxin, lajci li jhobbu u jghinu lis-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl.

Mill-qalbna nirringrazzjaw lil Maltin kollha li ta' kull sena jifmhu l-bzonn li jghinu lil min hu anqas ixxurtjat minnhom.



**ĊENTINARJU TAS-SOĊJETÀ MISSJUNARJA TA' SAN PAWL**

**STEDINA**

***għal qraba, ħbieb, u benefatturi tas-soċjetà***

Il-Ħadd **20 ta' Ġunju** laqgħa għall-**kulħadd** Sant. Agata fil-5:00pm. Naraw għall-ewwel darba film fuq Mons. De Piro

L-Erbgħa **30 ta' Ġunju Jum it-twaqqif tas-Soċjetà.** Quddiesa fil-Katedral tal-Imdina fis-7:00pm ċelebrata mill-E.T. Mons. Arċisqof P. Cremona, l-E.T. l-Isqof M. Grech, u l-sqfijiet Maltin.



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# L-Ewwel Superjur mis-Soċjetà

Fr. Norbert Bonavia mssp.

*Ma kienux għaddew disa’ xhur mit-tqegħid tal-ewwel ġebla. Kien hemm diġa’ lesti żewġ kurituri fuq xulxin. Ta’ isfel kien hemm il-parlatorju u r-refittorju, ta’ fuq il-kmamar tal-membri tas-Soċjetà u l-bibljoteka.*

Mons. De Piro kien fuq ix-xwiek biex id-Dar ta’ Sant’Agata titlesta minn kollox. Infatti tmien xhur wara it-tberik tal-ewwel ġebla, f’waħda mill-laqgħat tal-Kunsill insibu, “*....ġie stabilit li aħna mmorru flimkien f’Sant’Agata halli nqanqlu l-ħaddiema biex iħaffu fix-xogħol, li nafu li wasal biex jitlesta.*”

U mn’Alla kien hekk, biex il-Fundatur seta jara lesta biċċa sew minn Sant’Agata, għax saħħtu bdiet sejra lura. F’żgħożitu l-Fundatur kien marad sewwa, għalkemm jidher li kien għaddielu. Imma mhux l-ewwel darba li l-mard tiegħu kien ikun serju. Lejn is-sena 1932, beda jħossu batut dejjem iżjed. Infatti meta għamel in-noti tiegħu biex jiddisponi minn ġidu permezz ta’ testment sigriet, kiteb hekk, “*Jien għandi 54 sena u qiegħed insofri minn eżawriment mentali*”. Kien dan iż-żmien meta ntebaħ li hemm sinjali ta’ marda serja.Wiċċu beda jitlef mil-lewn naturali tiegħu. Il-mewt kienet qiegħda toqrob ġmiela. Infatti kif tafu, qabel ma għalaq is-56 sena halla din id-dinja biex imur jingħaqad mal-Ħallieq li tant ħabb u ħadem għalih.

Il-mewt ta’ Mons. De Piro waqqgħet f’niket il-ġzejjer tagħna għaliex il-ħlewwa u t-tjubija tiegħu kienu għamlu minnu benefattur kbir tal-Maltin. Imma fuq kollox bkewh l-ewwel membri tas-Soċjetà tagħna. Biex nistgħu nifhmu xi ftit dan in-niket li waqa fuq l-ewwel membri ser nikkwota biċċa minn dak li kiteb membru tas-Soċjetà fl-“Almanak San Pawl” ta’ dak iż-żmien. *“Jekk l-istituti kollha li kienu taħt idejn Mons. De Piro tilfu bil-mewt tiegħu...x’għandna ngħidu aħna. Min jista’ jgħid x’kien għalina Mons. De Piro? Mal-mewt tiegħu, donnha ħarġet ir-ruħ kollha tas-Soċjetà...”*



Dun Mikiel Callus



Il-qabar ta Mons. De Piro



Dun Anton Camilleri



Dun Alwiġ Gatt



L-Arċisqof M. Caruana



L-Arċisqof M. Gonzi

Il-mewt tal-Fundatur ma setgħetx ma ġġibx magħha ħafna tibdil fl-esekuzzjoni tal-proġetti. Kien hemm ukoll qtiegħ il-qalb kbir fis-Soċjetà, speċjalment min ser ikun responsabli.Għax għalkemm bi ftit diffikultajiet, jista’ jinstab suċċessur f’kull ħidma. Imma l-Fundatur huwa wieħed, u ’l dan ħadd ma jista’ jeħodlu postu. Ħadd daqsu ma jista’ jkollu qalb ta’ missier għall-opra mibdija minnu.

### Monsinjuri Bonnici u Pantaleresco

Infatti s-Soċjetà sabitha diffiċli ħafna biex tmexxi lilha nnifisha. Għalhekk jumejn biss wara l-mewt ta’ Mons. De Piro, il-Vigarju Ġenerali Mons. Dun Pawl Galea, minħabba li l-Arċisqof Mons. M. Caruana ma kienx Malta, ħaseb biex jafda f’idejn Mons. Nerik Binnici l-opri kollha ta’ Mons. De Piro. Allura hu ħa f’idejh lis-Soċjetà tagħna. Biss l-għazla kienet proviżorja. Għaliex wara li hu ħejja relazzjoni dettaljata dwar l-istat tal-opri kollha ta’ Mons. De Piro u pprezentha lil Arcisqof, ġie magħżul Mons. Albert Victor Pantalersco bit-titlu ta’ Superjur Delegat, biex imexxi s-Soċjetà sakemm iħallih l-Arcisqof.

Mons. Pantaleresco malajr beda jħabbat wiċċu mal-problemi. Waħda mill-problemi l-izjed kbar kienet in-nuqqas ta’ membri. Dan fost l-oħrajn, wassal biex kellhom iħallu l-affiljazzjoni tal-Istitut ta’ Għawdex ma’ dak tal-Istitut ta’ San Ġużepp ta’ Malta. Biss bil-mod il-mod, is-Soċjetà baqgħet tagħmel passi ’l quddiem, l-aktar meta żewġ membri oħra ġew ordnati saċerdoti. Dawn kienu Dun Alwiġ Gatt u Dun Anton Camilleri.

### Patri Danjel Glavina S.J.

Għal dik li hija storja, dan iż-żmien kien tassew ikrah, għax kienet feqqet it-tieni gwerra dinjija. Dan il-fatt ġab problema oħra lis-Soċjetà. Għax fis-sena 1940, Mons. Pantaleresco ġie internat, għall-ewwel f’Malta stess, imbagħad fl-Uganda flimkien ma’ bosta oħrajn.

Mill-ġdid insibu lill-Arċisqof jerġa’ jinnomina lil Mons. N. Bonnici biex imexxi s-Soċjetà, imma għal ftit żmien. Għaliex fl’14 ta’ Novembru 1940, l-Arċisqof Caruana għażel lil Ġeswita Patri Danjel Glavina bħala Superjur Delegat tas-Socjetà. Dan kien pass ’il quddiem għall-aħjar għas-Soċjetà tagħna, għaliex bħala reliġjuż Ġeswita, hu sata’ jifhem bil-bosta aħjar lill-membri tagħna. Patri Glavina għamel minn kollox biex lil membri ta’ dak iż-żmien iħarriġhom fid-dixxiplina u l-ispiritwalità li hu nnifsu kien imtalla’ fihom bħala Ġeswita. Wieħed mill-punti positivi li għamel Patri Glavina kemm dam responsabbli tas-Soċjetà, hu li beda jgħinhom jimmaturaw ħalli f’qasir żmien ikunu jistgħu jieħdu f’idejhom it-tmexxija tas-Soċjetà.

### L-Ewwel Superjur minn ħdan is-Soċjetà.

Fil-fatt dan ma’ damx wisq ma sar realta’ għax fl-14 ta’ April 1948, l-Arċisqof Mikiel Gonzi għażel lil Dun Mikiel Callus bħala l-ewwel Superjur minn ħdan is-Soċjetà. Dan l-avveniment storiku sar wara talba li l-membri tas-Soċjetà għamlu lil Arċisqof b’rakkomandazzjoni tal-istess Patri Glavina. L-għażla ta’ Dun Mikiel Callus kienet ta’ ferħ kbir għas- Soċjetà tagħna, għax nistgħu ngħidu li bdiet fażi ġdida fil-ħajja tas-Soċjetà.



Mons. N. Bonnici



Mons. A. Pantaleresco

Ftit xhur wara li ġie magħżul Superjur fl-24 ta’ Mejju1948, huwa ttrasporta l-fdal tal-Fundatur miċ-ċimiterju tal-Addolorata għad-Dar ta’ Sant’Agata. Fl-istess sena rrealizzat ħolma bikrija tal-Fundatur, dik li l-membri tas-Soċjetà tagħna jmorru jaħdmu fost l-emigranti ġewwa l-Awrstalja. Id-drieġħ t’Alla baqa’ jmexxi is-Soċjetà, għax fil-hamsinijiet is-Soċjetà bdiet taħdem fid-djoċesi ta’ London l-Kanada u fis-sittinijiet marru l-ewwel missjunarji fil-Peru’.

Għalkemm kif rajna l-ħajja fis-Soċjetà kienet miexja ’l-quddiem, Dun Mikiel kien għadu Superjur Delegat tal-Arċisqof. Għalhekk f’Marzu ta’ 1963 għamlu rikors lil Arċisqof li fih fakkruh f’dak li hemm f’wieħed mir-regolamenti tas-Soċjetà: “***Meta s-Soċjetà jkollha tlett idjar u n-numru tas-saċerdoti professi jkun wasal għal tnax, dawn jieħdu ħsieb jagħżlu s-Superjur li jmexxi s-Soċjetà u li l-għażla tiegħu tkun għal ħajtu kollha.”***

Dan ir-rikors setà sar għax dak ż-żmien s-Soċjetà kien diga’ kellha ħamest idjar u ħamsa għoxrin saċerdot, b’hekk allura tkun tista’ tagħmel l-ewwel Kapitlu Ġenerali ħalli jintgħażel is-Superjur Ġenerali. L-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-20 ta’ Mejju 1963 bagħat it-tweġiba affermattiva tiegħu imma ddispona li s-Superjur l-ġdid jintgħażel għal 7 snin.

### Dun Mikiel Callus

Kif kien mistenni, dak stess li sar mexxej tas-Soċjetà għax tqiegħed mill-Arċisqof; fit 3 ta’ Settembru 1963, fl-ewwel Kapitlu Ġenerali tas-Soċjetà, ***Dun Mikiel Callus*** ġie ikkonfermat mis-Soċjetà nnifisha bħala l-ewwel Superjur Ġenerali tagħha.

Dun Mikiel dam imexxi is-Soċjetà għal 5 snin oħra. Imma minħabba li fl-aħħar snin ta’ ħajtu, xejn ma’ kien tajjeb f’saħħtu, wara l-vista appostolika lis-Soċjetà kellha mill- Ġeswita Patri Andretta, f’Lulju 1968 l-Arċisqof Gonzi ħaseb biex iserrħu mill-kariga ta’ Superjur Ġenerali.

Dun Mikiel miet tlett snin wara, b’fama ta’ qaddis fis-6 ta’ Marzu, 1972, fl-età ta’ 71 sena. Hu ġie midfun fil-kripta ta’ Sant’ Agata, qrib Mons. De. Piro.



Patri D. Gravina sj



Dun Mikiel Callus mal-komunità meta sar Superjur fl-1948